

Brussell, 23 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10882/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0281 (NLE)

WTO 187
AGRI 345
UD 161
COASI 185

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina
b'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet
Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Marzu 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar soluzzjoni bi qbil reċiproku maċ-Ċina b'rabta mill-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO DS492: L-Unjoni Ewropea - *Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam*.
- (2) Dawk in-negozjati ġew konklużi u fit-18 ta' Ġunju 2018 ġie inizjalat Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina ("il-Ftehim").
- (3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [...]¹⁺.
- (4) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L [...], [...], p. [...].

⁺ ĠU: jekk jogħġbok żid it-titolu, id-data u n-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-Dokument st10881/18 fil-Premessa u r-referenza tal-ĠU fin-nota ta' hawn fuq ta' qiegħ il-paġna.

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taç-Ċina b'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fil-Ftehim.¹

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.